MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru. 329/2015

**Dragon Forge Limited (C32308)**

**vs.**

**Malta Industrial Parks Limited (C28965) fil-kwalità u kapaċità tagħha ta' amministratur tal-beni tal-Gvern ta' Malta in forza tal-Kapitolu 169 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Avviż Legali 360/04 u l-Avviż Legali 361/04**

**Il-Qorti,**

Dan huwa provvediment li qiegħed jingħata wara talba magħmula mis-soċjetà attriċi **Dragon Forge Limited (C32308)** (minn issa 'l quddiem "is-

soċjetà attriċi") waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju, 2015 u wara r-rikors tal-istess soċjetà attriċi ippreżentat fit-22 ta' Ġunju, 2015, fejn għar-raġunijiet minnha hemm imfissra, talbet li din il-Qorti kif presjeduta tirrikuża ruħha milli tkompli tisma' iżjed din il-kawża.

Illi r-raġuni li wasslet lis-soċjetà tressaq din it-talba hi li l-imħallef li qiegħed jisma' din il-kawża qabel ma ġie maħtur bħala ġudikant, kien konsulent legali tal-korporazzjoni Malta Enterprise, li għad li mhijiex parti f'din il-kawża, għandha relazzjonijiet ta' xogħol mill-qrib mas-soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà attriċi jidhrilha li tqum id-domanda li "hija biża' fondata li s-soċjetà rikorrenti taf li qed tiġi ġudikata minn Imħallef li kien il-konsulent legali anzjan ta' enti legali intimament konnessa mas-soċjetà konvenuta fejn xhieda importanti li ser jiddeponu f'din il-kawża huma saħansitra l-membri tal-Bord tal-Malta Enterprise, li tagħhom l-Onorevoli Imħallef kien il-konsulent legali, u li ser jiddeponu in sostenn tat-teżi tas-soċjetà konvenuta (ara x-xhieda tas-soċjetà konvenuta)? U ma hijiex daqstant biża' li l-linja ta' ħsieb tiegħu, bħala avukat anzjan ta' dik l-enti, xi ftit jew wisq tkun inklinata lejn, anke subkonxjament dik l-enti? Linja ta' ħsieb illi wara tant snin tidher għal dik l-enti, tajjeb jew ħażin inevitabbilment tiġi ndottrinat fiha".

Is-soċjetà attriċi sostniet ukoll li fil-kawża odjerna "ma hemmx dubju dwar l-imparzjalità tal-Qorti skont is-*subjective test*, billi l-Qorti m'għandiex *'any personal prejudice or bias'* u għalhekk l-imġiba tagħha fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti ma jistax jingħad li hi b'xi mod ċensurabbli. Imma kif (ġie) ukoll verbalizzat fl-ewwel udjenza, hemm il-prinċipju li l-ġustizzja mhux biss issir imma tidher ukoll li qed issir, u dan iwassalna għall-eżami tat-test oġġettiv kif ukoll ta' dak il-prinċipju hekk importanti tal-ġustizzja naturali, kif ukoll tad-

dritt tal-kontendenti għal smigħ xieraq kif garantit lilhom bil-Kostituzzjoni, bil-Konvenzjoni, u bil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta".

Illi b'digriet tat-23 ta' Ġunju, 2015, il-Qorti ordnat li ssir in-notifika tar-rikors tas-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta bi żmien għar-risposta.

Rat ir-Risposta ippreżentata mis-soċjetà konvenuta **Malta Industrial Parks Limited (C28965) noe (minn issa 'il quddiem "is-soċjetà konvenuta")** fis-27 ta' Lulju, 2015, li permezz tagħha u għar-raġunijiet hemm imfissra saħqet li l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u dan billi għad li s-soċjetà attriċi stess tgħid li t-talba tagħha hija bbażata fuq l-Artikolu 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, madankollu s-soċjetà attriċi tonqos milli tispeċifika taħt liema mir-raġunijiet msemmija fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12 qiegħda tibbaża t-talba tagħha.

Is-soċjetà konvenuta tirrileva fir-Risposta tagħha "ladarba l-istess attriċi tiddikjara li għandha fiduċja fl-Imħallef sedenti u fl-imparzjalità u l-indipendenza tiegħu; u ladarba ġie stabbilit li l-Imħallef sedenti ma kellu ebda konnessjoni mal-kwistjoni mertu ta' din il-kawża, x'inhu allura fil-konkret il-biża' tal-attriċi?".

**Ikkunsidrat:**

Illi skont l-Artikolu 733 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> *"l-imħallfin ma jistgħux jiġu rrikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma*

*maħtura biex joqgħodu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara msemmijin".*

L-Artikolu 734 tal-istess kodiċi jelenka r-raġunijiet għal rikuża jew astensjoni ta' imħallef f'kawża. Għad li s-soċjetà attriċi tibbaża t-talba tagħha għar-rikuża fuq l-imsemmi Artikolu 734 tal-Kap. 12, hija tonqos milli tispeċifika liema waħda mir-raġunijiet hemm elenkati qiegħda tinvoka sabiex tiġġustifika t-talba tagħha għar-rikuża.

L-eċċezzjoni tar-rikuża ma tistax titqanqal arbitrarjament minn xi parti għaliex tħossha iktar komda jew protetta quddiem ġudikant iktar minn ieħor. Din hija proċedura speċjali ntiża biex tħares l-interessi tal-ġustizzja u hija sollevabbli f'ċirkostanzi preċiżi u partikolari. Il-liġi tal-proċedura tagħna tillimita drastikament u tassattivament iċ-ċirkostanzi fejn l-eċċezzjoni tar-rikuża tista' titqajjem; altrimenti wieħed jispiċċa fl-arbitrarjetà u jagħti lok għal ħafna dubbji u indħil fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. L-ikbar garanzija sabiex il-ġustizzja tidher li qed issir huwa billi l-ġustizzja tiġi amministrata f'parametri ta' regoli fissi u d-diskrezzjoni tkun eżerċitata fil-limiti ta' dawk ir-regoli. Altrimenti din ma tibqa' ġustizzja xejn u ssir arbitrarjetà.[1]

L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[2]

---

[1] Ara s-sentenza tal-PA (GV) fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Ltd** deċiża fit-28 ta' Jannar, 2005.

[2] Ara s-sentenza preliminari tal-QK fl-ismijiet **Mons. Arċisqof Giuseppe Mercieca pro et noe vs. L-Onorevoli Prim Ministru noe et.** deċiża fis-27 ta' Settembru, 1984.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Onor. Sen. Gerald Strickland vs. Avv. Dr. Enrico Mizzi**[3] il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet eżaminat b'mod dettaljat il-fondament ġuridiku tal-eċċezzjoni tar-rikuża fil-liġi tal-proċedura tagħna. Id-disposizzjoni tal-liġi Maltija dwar ir-rikuża ma ttieħditx minn sors wieħed, u lanqas ma ġie segwit prinċipju uniku, imma ġiet mibnija fuq sistema eklettika. Il-liġi Maltija dwar ir-rikuża hija differenti minn dik Ingliża u minn dik Taljana. Il-liġi tagħna hija aktar strinġenti minn dik Ingliża u Taljana billi hija ċirkoskritta b'liġi - l-Artikoli 733 sa 740 tal-Kap. 12 u llum anke b'salvagwardji kostituzzjonali u taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Minħabba f'hekk l-imħallef Malti skont l-Artikolu 738(1) tal-Kap. 12 huwa l-uniku arbitru dwar il-konformità jew le tal-atti tiegħu mal-liġi meta titqajjem eċċezzjoni dwar rikuża.[4]

Skont il-ġurament tal-kariga ta' ġudikant, l-obbligu tiegħu hu li jiġġudika. Huwa proprju għalhekk li l-ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna kienet dejjem fis-sens li ġudikant jista' jastjeni, jew jista' jiġi rikużat, biss f'dawk il-każijiet fejn il-liġi espressament tipprovdi għal tali astensjoni jew rikuża.[5] Proprju għalhekk, u biex ikun hemm trasparenza fl-operat tal-ġudikatura f'dan ir-rigward, meta ġudikant jastjeni jew jiġi rikużat hu importanti li jindika mhux biss l-Artikolu 734 b'mod ġenerali, imma jindika wkoll is-subartikolu, paragrafu jew sub-paragrafu li jkun applikabbli għall-każ, u, jekk ikun hekk

[3] Deċiża fis 17 ta' Lulju, 1934.
[4] Ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Onor. Imħallef Anton Depasquale vs. Avukat Ġenerali** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2001.
[5] Ara s-sentenza preliminari tal-Qorti Kostituzzjonali tal-4 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet **John Mary Chircop vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et.** u s-sentenza tal-PA (GV) tad-19 ta' Frar, 2001 fl-ismijiet **Licari Estates Ltd. vs. Kishinchand Mohnani**.

meħtieġ, jindika anke kif dak il-kap ta' astensjoni jew rikuża jkun japplika għal dak li jkollu quddiemu.[6]

Però fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna (l-aktar fil-kamp kriminali) ġie aċċettat ukoll li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet eċċezzjonali, mhux koperti taħt l-Artikolu 734 tal-Kap. 12, fejn ikun hemm obbligu ta' astensjoni, u dan fuq il-mudell tal-Kodiċi ta' Proċedura Penali Taljan viġenti, ċjoè meta jkun hemm dawk li f'dak il-kodiċi jissejħu *"altre gravi ragioni di convenienza"*.[7] Kif ġie spjegat, però, "konvenjenza" hawn ma tfissirx "kumdità". "Konvenjenza" hawnhekk għandha s-sinjifikat ta' *"conviene"* (bit-Taljan), ċioè li hekk għandu jsir, hekk huwa xieraq li jsir, u tirreferi għal dawk ir-raġunijiet jew ċirkostanzi eċċezzjonali, oġġettivament riskontrabbli, li għalkemm ma jissemmewx espressament f'xi kap tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12, ikunu ġuridikament rilevanti peress li oġġettivament joħolqu suspett fondat dwar l-imparzjalità tal-ġudikant, ċjoè suspett li jegħleb il-presunzjoni qawwija li ġudikant huwa dejjem kapaċi li jogħla 'l fuq, u jiddistakka ruħu, minn dawk is-simpatiji jew antipatiji normali li persuna jista' jkollha għal persuna jew persuni oħra jew għall-meritu tal-vertenza bejn iż-żewġ partijiet.[8]

Hu dmir ta' ġudikant li jiddeċiedi kawża u dan mhux xi vantaġġ jew privileġġ. La huwa mhux ser jirbaħ u mhux ser jitlef billi jkun jew ma jkunx jagħmel parti minn tribunal, il-ġudikant m'għandu ebda interess personali jekk ikomplix jisma' l-kawża jew jastjeni. Il-ġudikant m'għandu ebda interess personali li jisma' l-kawża imma l-interess tiegħu hu biss wieħed proċesswali li jara li ma jastjeniex u ma jilqgħax eċċezzjoni ta' rikuża *"ove non concorra*

---

[6] Ara s-sentenza preliminari tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Frar, 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lebrun.**
[7] Ara is-sentenza fl-ismijiet **John Mary Chircop vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** supra u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Meinrad Calleja**.
[8] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lebrun** suċitata.

*qualcuno dei motivi stabiliti dalla legge"* (Mortara). Altrimenti b'sempliċi eċċezzjoni ta' rikuża jintaghzlu minn parti jew mill-oħra l-imħallfin li għandhom jisimgħu kawża partikolari.[9]

Illi s-soċjetà attriċi torbot it-talba tagħha għar-rikuża mal-fatt li l-Imħallef sedenti fis-snin preċedenti għall-ħatra tiegħu bħala ġudikant, kien jokkupa l-kariga ta' Head of Legal Services tal-Malta Enterprise. Għad li mhijiex parti f'din il-kawża, il-Malta Enterprise għandha relazzjonijiet ta' xogħol mill-qrib mas-soċjetà konvenuta Malta Industrial Parks Limited. Is-soċjetà attriċi ssostni wkoll li tqum id-domanda jekk hijiex biża' fondata li hija taf li qed tiġi ġġudikata minn Imħallef li kien il-konsulent legali anzjan ta' enti legali intimament konnessa mas-soċjetà konvenuta, fejn xhieda importanti li ser jiddeponu f'din il-kawża huma saħansitra l-membri tal-Bord tal-Malta Enterprise li ser jiddeponu in sostenn tat-teżi tas-soċjetà konvenuta.

Illi l-Imħallef sedenti f'din il-kawża fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2015 iddikjara u ppuntwalizza: li fil-kariga tiegħu ta' konsulent legali anzjan mal-Malta Enterprise huwa qatt ma ta xi parir jew ġie kkonsultat b'xi mod mill-*management* tal-Malta Enterprise jew tas-soċjetà konvenuta dwar il-konvenju u l-estensjonijiet relattivi għall-istess li huma mertu ta' din il-kawża; li huwa qatt ma kien avukat tas-soċjetà konvenuta; li huwa qatt ma kien b'xi mod involut fil-kwistjoni mertu ta' din il-kawża jew fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-proġett ta' Ta' Qali Crafts Village.

Illi għandu jiġi puntwalizzat ukoll illi s-soċjetà konvenuta għandha d-dipartiment legali tagħha, b'avukati *in house* u avukati esterni li kienu jipprovdulha s-servizzi legali li kienet teħtieġ.

[9] Ibid.

Illi s-soċjetà attriċi filwaqt li talbet li l-Imħallef sedenti jastjeni milli jisma' din il-kawża u sussegwentement talbet ir-rikuża tiegħu, hija għamlitha ċara li assolutament m'hemm l-ebda kwistjoni dwar l-imparzjalità tal-Qorti kif presjeduta u illi r-rikors fejn intalbet ir-rikuża ma sarx b'nuqqas ta' fiduċja lejn il-ġudikant sedenti jew l-indipendenza tiegħu. Madankollu fir-Rikors innifsu s-soċjetà attriċi mbagħad issostni li peress li l-Imħallef sedenti kien avukat anzjan ta' enti li għandha relazzjonijiet mill-qrib mas-soċjetà attriċi, il-linja ta' ħsieb tiegħu se tkun inklinata lejn, anke subkonxjament, dik l-enti u inevitabbilment ġie ndottrinat fiha.

Illi l-Qorti qieset sew is-sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi dwar il-ħtieġa tal-imparzjalità suġġettiva u dik oġġettiva tal-ġudikant li kull parti f'kawża tippretendi bi dritt li għandha timmanifesta ruħha matul kull proċess ġudizzjarju.

Illi biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla.[10] Il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża.

Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skont il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalità li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalità, anke kif mifhum mill-Qorti

[10] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Grech et vs. Carmelo Pulis et** (PA) (JRM) deċiża fl-10 ta' Marzu, 2015.

Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli".[11]

Din il-Qorti hija tal-fehma li r-raġunijiet imressqa mis-soċjetà attriċi bħala bażi għat-talba tagħha għar-rikuża ma jistgħux jitqiesu li huma ċirkostanzi eċċezzjonali, oġġettivament riskontrabbli, li għad li ma jissemmewx espressament f'xi kap tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12, huma ġuridikament rilevanti peress li oġġettivament joħolqu suspett fondat dwar l-imparzjalità tal-ġudikant.

Tqis li l-fatt li l-imħallef sedenti kien jokkupa l-pożizzjoni ta' avukat anzjan ta' enti li għandha relazzjonijiet ta' xogħol mill-qrib mas-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma joħloq suspett oġġettivament fondat ta' nuqqas ta' imparzjalità tal-ġudikant li qiegħed jisma' l-każ, ladarba huwa qatt ma ta xi parir jew ġie kkonsultat b'xi mod mill-*management* tal-Malta Enterprise jew tas-soċjetà konvenuta dwar il-konvenju u l-estensjonijiet relattivi għall-istess li huma mertu ta' din il-kawża; li huwa qatt ma kien avukat tas-soċjetà konvenuta; li huwa qatt ma kien b'xi mod involut fil-kwistjoni mertu ta' din il-kawża jew fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-proġett ta' Ta' Qali Crafts Village.

Tqis li fi kwalunkwe każ iċ-ċirkostanzi msemmija mis-soċjetà attriċi in sostenn għat-talba tagħha għar-rikuża tal-Imħallef sedenti assolutament ma jegħlbux "il-presunzjoni qawwija li ġudikant huwa dejjem kapaċi li jogħla 'l fuq, u jiddistakka ruħu, minn dawk is-simpatiji jew antipatiji normali li persuna jista'

[11] Ara s-sentenza fil-kawża **Repubblika ta' Malta vs. Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah** (App. Krim.) deċiża fil-15 ta' Novembru 2004.

jkollha għal persuna jew persuni oħra jew għall-meritu tal-vertenza bejn iż-żewġ partijiet”.[12]

Fid-dawl anki ta’ dak li ġie verbalizzat mis-soċjetà konvenuta stess waqt is-seduta tal-21 ta’ Mejju, 2015 li “ma hemm assolutament l-ebda kwistjoni dwar l-imparzjalità tal-Qorti kif presjeduta”, din il-Qorti tinsab impenjata li bħal f’kull kawża oħra assenjata lilha, f’din il-kawża tamministra l-ġustizzja bla biża’ jew favur, b’mod seren kif irid il-ħaqq u l-jedd.[13]

**Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda:**

**Tiċħad l-eċċezzjoni ta’ rikuża u tordna li s-smigħ tal-kawża jitkompla quddiemha kif presjeduta.**

< Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[12] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lebrun** suċitata.
[13] Ara l-Artikolu 10 tal-Kap. 12.